**Kumpanija tat-trasport hija responsabbli għad-danni fuq passiġġieri klijenti taghha?**

Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Imħallef Lawrence Mintoff nhar it-12 ta' Lulju 2019 indirizzat każ fejn ir-rikorrenti (il-persuna li f'dan il każ resqet il-kwistjoni għall-ġudizzju), allegat li hija sofriet debilita permanenti kawża tal-inċident li seħħ waqt li kienet fuq karozza tal-linja.

L-inċident seħħ fit-13 ta' Awwissu 2015 meta r-rikorrenti kienet riekba *Bus No 51* ġewwa il-Ħamrun. Hekk kif ir-rikorrenti kienet tinstab bilwieqfa fost persuni oħra, ix-xufier ħa *brake* qawwi bil-konsegwenza li l-persuni kollha li kienu bilwieqfa sfaxxaw mixħutin mal-art. F'rapport li inħareġ minn tabib li kien maħtur bħala espert mill-qorti fejn, ġie stabbilit li hekk kif seħħ l-inċident, r-rikorrenti ħadet skoss go darha, iżda ma kien hemm ebda ġrieħi viżibbli. Ftit tal-ħin wara, fuq il-post wasal uffiċjal tas-soċjetà konvenuta (il-kumpanija li kienet qed tiddefendi il-kawża) li offra biex iwassal lir-rikorrenti ċ-ċentru mediku tal-Furjana. Kif waslu fil-limiti tal-istess ċentru, l-uġiegħ tant żdied li r-rikorrenti ħassa ħażin. Minn x-rays preliminari li saru fuq r-rikorrenti, irriżulta li ma kien jidher ebda ksur, tant li l-għada l-istess rikorrenti siefret hekk kif kellha pjanat abbażi tal-parir li tagħha it-tabib li invistaha.

Waqt li kienet għadha imsiefra, r-rikorrenti ħarġitilha tbenġila kbira fuq il-persuna taghha, tant li ma setgħetx iċċaqlaq idejha. Minn *'check ups'* li saru fuqha mal-wasla tagħha, irriżulta li kellha ksur fit-tarf tal-għadma, tant li idha kellha titpoġġa fi *'sling'* għal madwar seba' ġimgħat. Minkejja l-ftit progress li għamlet anke wara xi sezzjonijiet tal-fiżjoterapija, irriżulta minn konsultazzjoni li kellha ma speċjalista li l-muskoli tal-ispalla kienu mixrubin u l-ġog kien żviluppa l-artrite. Fir-rapport, ġie konkluż li konsegwenza ta' dak li ġara, driegħha tal-lemin huwa dgħajjef tant li ma tistax tgħolli idha kemm tixtieq filwaqt li lanqas ma tista' terfa oġġetti tqal. Għaldaqstant, ġie stabbilit lir-rikorrenti sofriet diżabilità permanenti ta' wieħed fil-mija.

F'l-analiżi taghha, il-Qorti innotat li s-soċjetà konvenuta ma tikkontestax il-fatt li għandha tinżamm responsabbli għad danni li ġew sofferti mir-rikorrenti kawża tal-inċident. Għaldaqstant, il-Qorti tenniet li m'għandiex għalfejn tanalizza l-provi sabiex tiddetermina jekk ir-responsabiltà għandiex tinġarr mis-soċjetà konvenuta, iżda jkun fadal biss li jiġi deċiż l-ammont f'danni li jridu jiġu stabbiliti biex jingħataw lir-rikorrenti. Sabiex tasal għal dan, Il-Qorti qieset spejjez li nġabru mir-rikorrenti fosthom il-mitejn u tletin ewro li nefqet biex inħareġ rapport mediku. Fost oħrajn, il-Qorti ħadet nota wkoll tal-fatt lir-rikorrenti kienet laħqet l-età ta' l-irtirar meta seħħ l-inċident, tant li kellha disa' u sittin sena. Rigward dan, ingħad li d-dħul tar-rikorrenti kien dak li tieħu fil-forma ta' pensjoni li kienet titħallas abbażi tas-snin li kienet ħadmet qabel ma laħqet l'età tal-pensjoni, u għaldaqstant f'dan il każ ma jistax jingħad li d-debilita permanenti b'xi mod se taffettwa dan id-dħul.

Rigward l-ispejjeż ġudizzjarji marbuta mal-każ, is-soċjetà konvenuta talbet lil-Qorti biex ma tinżammx responsabbli għal dawn, hekk kif intqal li l-istess soċjetà qatt ma naqset milli tammetti r-responsabiltà tagħha għal-ġrieħi li ġew sofruti, tant li hekk kif seħħ l-inċident avvicinaw lil-kumpanija ta' assikurazzjoni tagħhom sabiex tinfetaħ *claim*. Minkejja dan, kienet r-rikorrenti minn jeddha stess li warrbet dan il-ftehim, u kompliet biex tiftaħ proċeduri ġudizzjarji. Mill-provi, irriżulta li s-soċjetà assiguratrici tas-soċjetà konvenuta kienet talbet lir-rikorrenti biex tikkwantifika l-*claim* tagħha, u biex tissottometti d-dokumentazzjoni relattiva. Peress li irriżulta lir-rikorrenti naqset milli tagħmel dan sabiex is-soċjetà assiguratrici tkun

tista' tipproċessa din it -talba, allura jirrizulta li s-soċjetà konvenuta m'għandiex tkun hi li tbati l-ispejjeż ta din il-kawża.

Il-Qorti waslet biex tiddeċiedi li s-soċjetà konvenuta għandha tinżamm responsabbli għall-inċident, kif ukoll għad-danni ta' ħames mija u tmienja u erbgħin ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu hekk kif sofferti mir-rikorrenti konsegwenza tal-inċident. Il-Qorti laqat ir-raba' eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta u ordnat lir-rikorrenti tħallas l-ispejjeż tal-kawża. Bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra s-soċjetà konvenuta.

